Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,230, 23 ta' April, 2024

Taqsima B

A.L. 100 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2024 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery – M.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75(3) u 79(b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2024 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery – M.D. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery – M.D. – ippubblikati bħala Avviż Legali 310 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "r-regolamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. Ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2024 jew wara.

3. Ir-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti għandu japplika mill-1 ta' April, 2024 'il quddiem għall-istudenti kollha reġistrati fis-snin kollha tal-Kors.

L-Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (5) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(5) L-applikanti li għandhom kwalifiki oħra miksuba minn istituzzjonijiet rikonoxxuti minbarra l-Università ta' Malta jkunu kkunsidrati mill-Kumitat għad-Dħul tal-Fakultà u jitħallew jidħlu fil-Kors jekk ikun aċċertat li l-kwalifiki tagħhom huma komparabbli għall-kwalifiki msemmija fil-paragrafi (2), (3) u (4) ta' dan ir-regolament."

L-Emenda għar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Il-Valutazzjoni u l-Progress fil-Kors

10. (1) Il-metodu tal-valutazzjoni għal kull taqsima-studju għandu jkun indikat fid-deskrizzjoni tat-taqsima-studju u ppubblikat fil-katalgu tat-taqsimiet-studju. Ir-riżultat ta' kull taqsima-studju għandu jqis il-komponenti kollha tal-valutazzjoni ta' dik it-taqsima-studju.

(2) L-istudenti jkunu intitolati għal erba' valutazzjonijiet biex jiksbu grad li għaddew fil-valutazzjoni ta' taqsima-studju, ħlief fil-każ ta' taqsimiet-studju li l-valutazzjonijiet tagħhom huma indikati li ma jistgħux isiru fis-sessjoni tal-valutazzjoni supplimentari u b'hekk l-istudenti jkunu intitolati għal żewġ valutazzjonijiet biss.

(3) Fi kwalunkwe sena akkademika, l-istudenti li jeħlu f'taqsimiet-studju għandhom jitħallew jagħmlu valutazzjoni supplimentari f'Settembru tal-istess sena.

(4) L-istudenti li wara s-sessjoni supplimentari jeħlu f'taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati 10 kretti ECTS jew anqas, wara parir akkademiku mid-Dekan u/jew mill-Kap tad-Dipartiment ikkonċernat, jistgħu jingħataw l-għażla mill-Bord, li jew:

(a) suġġett għall-paragrafu (6) ta' dan ir-regolament, jirreferu t-taqsima/taqsimiet-studju li weħlu fiha/fihom għas-sena ta' wara u jsegwuha/jsegwuhom flimkien mat-taqsimiet-studju indikati għal dik is-sena; jew

(b) suġġett għall-paragrafu (6) tar-regolament 5 u għall-paragrafu (6)(a) ta' dan ir-regolament, jirreferu t-taqsima/taqsimiet-studju li weħlu fiha/fihom għal sena addizzjonali ta' studju, jekk l-istudent ikun fil-5 Sena tal-Kors; jew

(ċ) suġġett għall-paragrafi (4) u (5) tar-regolament 5 ta'dawn ir-regolamenti, jirrepetu s-sena.

(5) L-istudenti msemmija fis-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (4) ta' dan ir-regolament li jagħżlu li jirreferu t-taqsimiet-studju li weħlu fihom għas-sena ta' wara tal-Kors għandhom jitqiesu li komplew għas-sena ta' wara kondizzjonalment u m'għandhomx jitħallew ikomplu l-Kors jekk, wara s-sessjoni supplimentari ta' dik is-sena, jerġgħu ma jgħaddux fit-taqsima/taqsimiet-studju li rriferew.

(6) (a) L-għażla li l-istudenti jirreferu taqsimiet-studju għas-sena ta' wara għandha tkun disponibbli darba biss matul il-Kors, ħlief fil-każ tat-taqsimiet-studju msemmija fil-paragrafu (8) ta' dan ir-regolament,
diment li studenti tat-2 Sena m'għandhomx jitħallew jirreferu kwalunkwe taqsima-studju oħra għas-sena ta' wara.

(b) L-istudenti tat-2 Sena li ma jkunux eliġibbli biex ikomplu għat-3 Sena tal-Kors ikunu meħtieġa jtemmu b'suċċess it-taqsima/taqsimiet-studju li jkunu weħlu fiha/fihom matul sena ta' studju addizzjonali, jew li jirrepetu s-sena, fiż-żewġ kazijiet jekk ikunu eliġibbli skont il-paragrafi (4), (5) u (6) tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti.

(7) (a) Jekk student ma jkunx jista', għal raġuni kkunsidrata valida mis-Senat, milli jiġi evalwat fl-ewwel valutazzjoni u/jew fil-valutazzjoni supplimentari ta' taqsima/taqsimiet-studju li għaliha/għalihom hemm assenjati 10 kretti ECTS jew anqas, l-istudent ikun meħtieġ itemm dawn it-taqsimiet-studju fis-sena ta' wara u jsiru minbarra t-taqsimiet-studju indikati għal dik is-sena.

(b) Jekk student ma jkunx jista', għal raġuni kkunsidrata valida mis-Senat, jiġi evalwat fl-ewwel valutazzjoni u/jew fil-valutazzjoni supplimentari ta' taqsima/taqsimiet-studju li għaliha/għalihom hemm assenjati aktar minn 10 kretti ECTS, l-istudent ikun meħtieġ itemm dawn it-taqsimiet-studju f'sena addizzjonali ta' studju, jekk ikun eliġibbli skont il-provvedimenti tal-paragrafu (6) tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti.

(ċ) Jekk student ma jkunx jista', għal raġuni kkunsidrata valida mis-Senat, jiġi evalwat f'taqsimiet-studju riferuti, l-istudent ikun meħtieġ itemm r-rekwiżiti tas-sena ta' qabel f'sena addizzjonali ta' studju, jekk ikun eliġibbli skont il-paragrafu (6) tar-regolament 5. Fl-ebda ċirkostanza, m'għandu student jitħalla jkompli għas-sena ta' wara jekk ir-rekwiżiti tas-sena ta' qabel dik kurrenti ma jkunux ġew sodisfatti.

(d) Jekk ma tkunx ippreżentata raġuni valida għan-nuqqas ta' attendenza għall-valutazzjoni għall-konsiderazzjoni tas-Senat jew jekk l-istudenti ma jġibux provi li huma ma setgħux joqogħdu għal valutazzjoni minħabba ċirkostanzi mhux fil-kontroll tagħhom, dawn jitqiesu li użaw dik il-valutazzjoni.

(8) Fil-każ ta' valutazzjonijiet li jistgħu jsiru darba biss matul sena akkademika u għalhekk sessjoni supplimentari ma tkunx possibbli, l-istudenti li jeħlu f'dawn il-valutazzjonijiet jew li ma jkunux jistgħu jiġu evalwati għal xi raġuni kkunsidrata valida mis-Senat jitħallew ikomplu kondizzjonalment għas-sena ta' wara tal-Kors, sakemm li huma jgħaddu minn dawn il-valutazzjonijiet f'dik is-sena.

(9) L-istudenti li wara s-sessjoni supplimentari jeħlu f'taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati aktar minn 10 kretti ECTS ma jitħallewx ikomplu għas-sena ta' wara tal-Kors, iżda jkunu meħtieġa jirrepetu s-sena jekk eliġibbli skont il-paragrafi (4) u (5) tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti.

(10) F'sena ta' ripetizzjoni, l-istudenti jkunu meħtieġa jsegwu u jkunu evalwati fit-taqsimiet-studju kollha tal-programm ta' studju għal dik is-sena, ukoll f'dawk li setgħu kienu għaddew minnhom qabel. Kwalunkwe marka/grad tista' tingħata fis-sena ta' ripetizzjoni u din għandha tissostitwixxi l-marki/gradi li kienu miksuba fis-sena ta'qabel.

(11) L-istudenti li jkunu qagħdu għall-valutazzjonijiet kollha wara s-sessjoni supplimentari ta' sena ta' ripetizzjoni jew ta' sena addizzjonali, u ma jiksbux grad li għaddew f'xi taqsima-studju ma jkunux jistgħu jkomplu l-Kors. Jekk ikunu eliġibbli, dawn l-istudenti jistgħu jitolbu li jingħataw għotja skont ir-regolament 14 ta'dawn ir-regolamenti.

(12) Il-marka/grad massima/u li tista' tingħata għal taqsima-studju riferuta, irrispettivament minn jekk it-taqsima-studju tkunx ġiet evalwata f'sessjoni tal-eżamijiet regolari jew supplimentari, hija ta' 45%, grad D.

(13) L-attendenza għall-lekċers, laqgħat tutorjali, seminars, pjazzamenti prattiċi, fil-laboratorju u kliniċi, u għal kwalunkwe sessjoni ta' tagħlim b'liema mod tkun ofruta hija obbligatorja. Wara konsultazzjoni mal-Kap tad-Dipartiment, il-lekċerers jistgħu ma jħallux student li l-attendenza tiegħu għal xi taqsima-studju ma tkunx sodisfaċenti li jiġi evalwat għal dik it-taqsima-studju. F'dawn il-każijiet, il-marka ta' 0 u l-grad ta' F għandhom jingħataw u jiġu reġistrati."